



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.8.2013
COM(2013) 607 final

2013/0295 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (2007/198/Euratom) tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha (traduzzjoni mhux uffiċjali) biex tipprovdi l-bażi għall-iffinanzjar tal-attivitajiet ta' din l-Impriża Konġunta (minn hawn' il quddiem "Fużjoni għall-Enerġija") għall-perjodu 2014-2020 skont it-Trattat Euratom.

Il-kostijiet stmati tal-Fużjoni għall-Enerġija għall-fażi tal-kostruzzjoni (il-kost għall-Ewropa biss), li tkopri l-perjodu 2007-2020, f'Marzu 2010 kienu jammontaw għal EUR 7.2 biljun (bil-valuri tal-2008). F'Lulju 2010, il-Kunsill illimita l-kontribuzzjoni Ewropea għal dik il-fażi għal EUR 6,6 biljun (bil-valuri tal-2008). Fi Frar 2013, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa l-livell massimu tal-impenji tal-Euratom għall-ITER fir-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2014-2020 għal EUR 2,707 miljun (bil-valuri tal-2011).

Fil-qafas tas-Seba' Programm Kwadru, il-kontribuzzjoni tal-Euratom saret disponibbli permezz tal-Programm Komunitarju ta' riċerka u taħriġ li ġie adottat skont l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom. Din il-modalità ta' finanzjament kienet tesiġi l-konformità ma' serje ta' rekwiżiti f'termini ta' parteċipazzjoni, regoli, ippjanar, monitoraġġ u evalwazzjoni li huma speċifiċi għall-programmi ta' riċerka. Dawn ir-rekwiżiti issa huma żejda minħabba l-kompetenzi u r-rwol assenjat lill-Fużjoni għall-Enerġija fl-Istatuti tagħha.

B'mod differenti minn kif kien sar fil-qafas tas-Seba' Programm Kwadru, din il-proposta mhijiex imfassla bħala programm ta' riċerka skont l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom. Minflok, hija bbażata fuq l-Artikolu 47 u tirreferi għall-parteċipazzjoni tal-Euratom fl-iffinanzjar tal-Impriża Konġunta.

Din l-emenda għandha tilħaq l-għan li jkun żgurat it-trasferiment ta' fondi mill-Kummissjoni lill-Fużjoni għall-Enerġija għall-kontribuzzjoni Ewropea għall-ITER mingħajr ir-rekwiżiti speċifiċi msemmija għall-programmi ta' riċerka. Dan, madankollu, ma jwaqqafx, b'mod partikolari fil-każ ta' spejjeż addizzjonali, il-kontribuzzjonijiet volontarji mill-Membri tal-Impriża Konġunta għajr il-Euratom kif previst fl-Artikolu 12(1)(c) tal-Istatuti ta' dik l-Impriża.

Din l-emenda tippermetti l-iżgurar tal-finanzjament tal-proġett għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. It-trasferiment tal-fondi se jkollu l-vantaġġ li ma jibqgħux limitati għall-ħames snin previsti fl-Artikolu 7 tat-Trattat tal-Euratom għal programmi ta' riċerka u taħriġ. Se jkun allinjat mal-perjodu kopert mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali u se jibqa' għaddej għal seba' snin. Skont il-Ftehim tal-ITER, il-proġett ITER se jkollu tul ta' żmien inizjali ta' 35 sena (jiġifieri sal-2041); għalhekk, se jkunu meħtieġa Deċiżjonijiet tal-Kunsill sussegwenti sabiex jitkompla l-finanzjament tal-kontribuzzjoni tal-Euratom għal dan il-proġett.

L-attivitajiet li se jiġu ffinanzjati minn din id-Deċiżjoni jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-produzzjoni tal-elettriku mill-fużjoni sal-2050, adottat minn membri tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni (European Fusion Development Agreement/EFDA) f'Novembru 2012. B'hekk, din id-Deċiżjoni se tippermetti sinerġiji u kumplimentaritajiet mal-attivitajiet ta' riċerka dwar il-fużjoni ffinanzjati skont ir-Regolament tal-Kunsill XXX [il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom].

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Din il-proposta tqis bis-sħiħ ir-risposti għal konsultazzjoni pubblika estensiva bbażata fuq il-Green Paper "Il-bidla ta' Sfidi f'Opportunitajiet: Lejn Qafas Strateġiku Komuni għall-finanzjament tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE"¹, fi ħdan il-preparazzjoni tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom (2014-2018) li jikkontribwixxi għall-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni "Orizzont 2020".

L-ITER ġie inkluż f'din il-konsultazzjoni u fl-evalwazzjonijiet interni u esterni għat-tfassil tal-valutazzjoni tal-impatt. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li l-benefiċċji tal-ITER, li jibbilanċjaw ir-riskji xjentifiċi, tekniċi u finanzjarji, huma, fit-tul taż-żmien, l-esplorazzjoni kummerċjali tal-enerġija mill-fużjoni u, fiż-żmien qarib, il-benefiċċji tal-kompetittività għall-industrija.

Fuq il-bażi tad-deċiżjoni adottata mill-Kunsill Ewropew fit-8 ta' Frar 2013, din il-proposta se tipprovdi kontinwità għall-proġett, b'mod partikolari fir-rigward tas-sħab internazzjonali tagħna, u se tiżgura l-finanzjament tal-ITER għal kemm idum il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-bażi legali għal din id-Deċiżjoni tal-Kunsill hija prevista bl-Artikolu 47 tat-Trattat Euratom. Din id-Deċiżjoni għandha tikkostitwixxi l-att bażiku għall-perjodu kopert mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u għandha tkun il-bażi għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet finanzjarji annwali mill-Kummissjoni. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni se jippermettu t-trasferiment ta' fondi lill-Fużjoni għall-Enerġija matul il-perjodu 2014-2020. Din il-proposta se tissostitwixxi l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER (2014-2018)² adottat mill-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2011.

Hemm proċess kontinwu għall-emendar tal-Istatuti tal-Fużjoni għall-Enerġija, li b'mod partikolari, jaġhti d-drittijiet tal-vot lill-Krozja wara l-adeżjoni tagħha mal-Euratom fl-1 ta' Lulju 2013. Se tiġi introdotta wkoll emenda għall-Artikolu 12.1 (a)³ biex jiġu estiżi l-possibbiltajiet ta' finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Id-"dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva" mehmuża ma' din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tiddekrivi l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riżorsi umani u amminstrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha.

¹ COM(2011) 48 finali.

² COM (2011) 931

³ Dan l-Artikolu jistipula li "il-kontribuzzjoni tal-Euratom se tkun disponibbli permezz tal-Programm Komunitarju ta' riċerka u taħriġ li ġie adottat skont l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom".

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari r-raba' paragrafu tal-Artikolu 47 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom⁴ stabbilixxiet l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (minn hawn' il quddiem "l-Impriża Konġunta") li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn hawn' il quddiem "Euratom") lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER u l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' mal-Ġappun kif ukoll li tħejji u tikkordina programm ta' attivitajiet bi tħejjija għall-kostruzzjoni ta' reattur tal-fużjoni għal finijiet ta' wiri u ta' faċilitajiet relatati.
- (2) Id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom ipprovdiet ammont ta' referenza finanzjarja meqjus bħala neċessarju għall-Impriża Konġunta flimkien mal-kontribuzzjoni totali indikattiva tal-Euratom għal dak l-ammont, li għandu jkun disponibbli permezz tal-programmi Komunitarji ta' riċerka u taħriġ li ġew adottati skont l-Artikolu 7 tat-Trattat.
- (3) Ir-riżorsi meqjusa bħala neċessarji għall-Impriża Konġunta matul il-fażi ta' kostruzzjoni tal-ITER, li tkopri l-perjodu 2007-2020, f'Marzu 2010 kienu jammontaw għal EUR 7 200 000 000 (bil-valuri tal-2008). F'Lulju 2010, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea llimita dan l-ammont għal EUR 6 600 000 000 (bil-valuri tal-2008).
- (4) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stabbilixxew il-livell massimu tal-impenji tal-Euratom għall-ITER fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2014-2020 għal EUR 2 707 000 000 (bil-valuri tal-2011).
- (5) Huwa meħtieġ li tkun emendata d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom biex tippermetti l-iffinanzjar tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta għall-perjodu 2014-2020 mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u mhux permezz tal-programmi ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom.
- (6) Il-pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari, inkluża l-fużjoni nukleari kkontrollata, li jassoċjaw il-programmi tar-riċerka rispettivi tagħhom mal-programmi tal-Euratom għandhom jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta. Il-kontribuzzjoni tagħhom għandha tkun determinata fil-ftehim rispettiv ta' kooperazzjoni mal-Euratom.
- (7) Huwa wkoll xieraq li tiġi aġġornata d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

⁴ Council Decision 2007/198/Euratom of 27 March 2007 establishing the European Joint Undertaking for ITER and the Development of Fusion Energy and conferring advantages upon it (mhux disponibbli bil-Malti) (GU L 90, 30.3.2007, p. 58).

- (8) Huwa xieraq li jiġu informati l-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/198/Euratom fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Impriża Konġunta.
- (9) Id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,
- ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-kontribuzzjoni tal-pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tar-riċerka fl-enerġija nukleari, inkluża l-fużjoni nukleari kkontrollata, li jassoċjaw il-programmi tar-riċerka rispettivi tagħhom mal-programmi tal-Euratom, għandha tkun iddeterminata fil-ftehim rispettiv ta' kooperazzjoni mal-Euratom."

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-Impriża Konġunta għall-perjodu 2014-2020 hija stabbilita għal EUR 2 915 015 000 (bil-valuri attwali)."

(3) fl-Artikolu 4, jiġihassar il-paragrafu 4.

(4) jiddaħħal l-Artikolu 5a li ġej:

"Artikolu 5a

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, jiġiharsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kontra kwalunkwe attività illegali oħra, bis-saħħa ta' verifiki effettivi u, fil-każ li jiġu identifikati irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa b'mod skorrett, u fejn xieraq, b'penali effettivi, proporzjonali u deterrenti.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u ta' verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, fuq il-benefiċjarji, il-partijiet kontraenti u s-subkuntratturi kollha u partijiet terzi oħrajn li rċevew fondi mill-Unjoni skont din id-Deċiżjoni.

3. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jagħmel investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 bil-għan li jstabilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim għal għotja jew deċiżjoni għal għotja jew kuntratt iffinanzjat skont din id-Deċiżjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 u għall-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, ftehimiet ta' għotja, deċiżjonijiet ta' għotja u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jagħtu s-setgħa b'mod espliċitu lill-Kummissjoni u lill-OLAF biex iwettqu awditi, verifiki u spezzjonijiet fuq il-post.

* Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

** Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2)."

(5) jiddaħħal l-Artikolu 5b li ġej:

"Artikolu 5b
Reviżjoni ta' nofs it-terminu

Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Impriża Konġunta. Dak ir-rapport għandu jniżżel ir-riżultati tal-użu tal-kontribuzzjoni tal-Euratom imsemmija fl-Artikolu 2 fir-rigward tal-impenji u tan-nefqa."

Artikolu 2 Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 3
Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva:
- 1.2. Qasam/oqsm ta' politika kkonċernat/i fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva:
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva:
- 1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju:
- 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet:

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarji tan-nefqa affettwata/i:
 - 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa:
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali:*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva:*
 - 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjoni minn partijiet terzi*
 - 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul:

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

Titolu tal-proposta/inizjattiva:

Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (2007/198/Euratom) tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha (traduzzjoni mhux uffiċjali)

Qasam/oqasma ta' politika kkonċernat/i fl-istruttura ABM/ABB⁵

08 - Riċerka u Innovazzjoni

Natura tal-proposta/inizjattiva:

- Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**
- Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**⁶
- Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**
- Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni direzzjonata mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

Għan(ijiet)

L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva:

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandu jkollha l-objettiv ġenerali li tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni fit-tul tas-sistema tal-enerġija b' mod sikur u effiċjenti. Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill se tikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattivi ewlenin tagħha "Unjoni tal-Innovazzjoni", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni" u "Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda", peress li se tappoġġja l-mobilizzazzjoni tal-industriji tat-teknoloġija avvanzata Ewropej li se jiksibu ħiliet u kapaċitajiet ta' manifattura ġodda permezz tal-parteċipazzjoni f'kuntratti ta' akkwist tal-Fużjoni għall-Enerġija (F4E). Barra minn hekk, peress li d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija hija waħda mill-objettivi ewlenin tagħha, se tikkontribwixxi wkoll għall-inizjattiva ewlenija "Ewropa b'użu effiċjenti ta' riżorsi".

L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata/i

Li tiġi pprovduta l-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-Organizzazzjoni ITER għall-kostruzzjoni, l-operat u l-esplojtazzjoni tal-faċilitajiet ITER, kif ukoll għall-attivitàjiet relatati mal-ITER.

Riżultat/i u impatt mistenni/ja

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Din id-Deċiżjoni se tirriżulta filli l-Ewropa tagħmel il-kontribuzzjonijiet tagħha għall-kostruzzjoni tal-ITER. L-Ewropa qed tagħmel l-ikbar kontribuzzjoni għall-proġett (45 % tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni) u l-impatti ta' din id-Deċiżjoni se jkunu l-ikbar fl-Ewropa, kemm fuq terminu qasir ta' żmien (benefiċċji għall-industrija Ewropea) kif ukoll fit-tul (rwol prinċipali fl-esplojtazzjoni kummerċjali tal-enerġija mill-fużjoni).

Il-proġett diġà qed ikollu impatt pożittiv fuq il-kompetittività industrijali u l-ħolqien tax-xogħol, billi l-proġett jirrikjedi akkwist ta' komponenti ta' teknoloġija għolja. Iktar minn tliet kwarti mill-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-ITER se jirriżulta f'kuntratti ma' kumpaniji privati. Il-ħolqien ta' impjiegi ġodda fl-Ewropa direttament bis-saħħa tal-attivitàjiet ITER se jkun sinifikanti. Fuq perjodu

⁵ ABM: Immaniġġjar Ibbażat fuq l-Attività – ABB: Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività.

⁶ Kif jissema fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

ta' żmien twil, l-ITER jippreżenta opportunità unika għall-industrija Ewropea tat-teknoloġija għolja u għall-kumpaniji tal-kostruzzjoni biex jistabbilixxu vantaġġ kompetittiv u biex isiru attur prinċipali fid-disinn tal-ewwel ġenerazzjoni ta' impjanti tal-enerġija mill-fużjoni u l-kummerċjalizzazzjoni internazzjonali sussegwenti.

L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

L-indikaturi li se jkejlu l-progress fil-kontribuzzjonijiet Ewropej lejn il-kostruzzjoni tal-ITER se jkunu l-kisba ta' objettivi mill-F4E fil-forniment tal-komponenti Ewropej bħala kontribuzzjonijiet *in natura* lill-ITER. L-ippjanar ġenerali u l-Programm ta' ħidma annwali tal-F4E jispeċifikaw l-iskeda taż-żmien għall-kisba ta' dawn l-objettivi li jkopru l-attivitajiet tal-akkwist kollha matul il-kostruzzjoni tal-ITER. L-F4E għandu jirrapporta regolarment lill-korp ta' governanza tagħha (il-Bord tat-Tmexxija) u lill-Kunsill tal-UE dwar il-progress tal-proġett.

Bażi għall-proposta/inizjattiva:

Rekwiżit/i li għandu/hom jiġi/u ssodisfat/i fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien

Fit-8 ta' Frar 2013 il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jiffinanzja l-proġett ITER fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali (MFF/multi-annual financial framework) għall-perjodu 2014-2020. Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill se tippermetti t-trasferiment ta' fondi lil-Fużjoni għall-Enerġija biex twettaq il-kompiti assenjati lilha.

Valur miżjud tal-involviment tal-Euratom

L-involviment tal-Euratom jibda jgħodd mill-iffirmar tal-Ftehim tal-ITER. Din id-Deċiżjoni tippermetti għall-ippjanar pluriennali baġitarju sod tal-F4E.

Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat

Il-proġett Konġunt Ewropew Torus (JET/Joint European Torus) wera illi l-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' infrastruttura kbira ta' riċerka dwar il-fużjoni taħt il-koordinazzjoni tal-Euratom huma effiċjenti u jimmassimizzaw il-benefiċji xjentifiċi u industrijali. Madankollu, l-iskala meħtieġa għall-kostruzzjoni tal-ITER m'għandhiex preċedent u teħtieġ kollaborazzjoni fuq livell globali li għaliha m'hemmx eżempju fil-passat.

Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn

Din id-Deċiżjoni se tippermetti sinerġiji u kumplementaritajiet mal-attivitajiet ta' riċerka dwar il-fużjoni u mal-programm ta' riċerka tal-Euratom li jikkomplementa l-Orizzont 2020 (2014-2018). L-attivitajiet ta' fużjoni f'dan il-qafas se jipprovdu kontribuzzjoni xjentifika importanti għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-ITER.

Tul taż-żmien u impatt finanzjarju:

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2026

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

Implimentazzjoni b'perjodu tat-tnedija mill-SSSS sal-SSSS, segwita minn operazzjoni kompluta.

Metodu/i ta' ġestjoni ppjanat/i⁷

Ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Kummissjoni

Ġestjoni indiretta ċentralizzata bid-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

aġenziji eżekuttivi

korpi stabbiliti mill-Komunitajiet:⁸

korp/i nazzjonali tas-settur pubbliku b'missjoni ta' servizz pubbliku

persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni deċentralizzata ma' pajjiżi terzi

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (li jridu jiġu speċifikati)

Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok aġti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti:

Il-ġestjoni se ssir permezz ta' servizzi tal-Kummissjoni u permezz tal-F4E. Il-Kummissjoni tirrappreżenta lill-Euratom fil-korpi tat-tmexxija kemm tal-Organizzazzjoni tal-ITER (IO) kif ukoll tal-F4E.

MIŻURI TA' ĠESTJONI

Din id-Deċiżjoni se tiġi implimentata permezz tal-Kummissjoni u tal-F4E, li jikkoordina l-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-Proġett ITER u għal attivitajiet oħrajn relatati mal-ITER, bħall-attivitajiet ta' Approċċ Usa' mal-Ġappun.

Il-Kummissjoni, f'isem il-Euratom, tipparteċipa fil-korpi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Organizzazzjoni ITER u tal-F4E: 1) Fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni tipparteċipa fil-Kunsill tal-ITER, fil-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku u Tekniku (STAC/Scientific and Technical Advisory Committee) u fil-Kumitat Konsultattiv tal-Ġestjoni tal-Kunsill tal-ITER (MAC/Management Advisory Committee). 2) Bħala membru tal-F4E, il-Kummissjoni tipparteċipa fil-Bord tat-Tmexxija, fil-Kumitat Eżekuttiv, fil-Bord Konsultattiv Tekniku, fil-Kumitat Amministrattiv u tal-Finanzi u fil-"Bureau".

Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

Il-monitoraġġ u r-rappurtar huma bbażati fuq ir-regoli ta' ġestjoni u ta' rappurtar li huma applikati mill-F4E u mill-IO, li jeħtieġu l-approvazzjoni tad-dokumenti ewlenin kollha mill-korpi tat-tmexxija. Permezz ta' dawn il-korpi, il-Kummissjoni timmonitorja u tirrevedi d-dokumenti li jiddefinixxu attivitajiet ta' implimentazzjoni għall-ITER.

L-F4E qed tistabbilixxi proċess ta' ġestjoni u rappurtar tal-proġett, bl-integrazzjoni sħiħa ta' diversi aspetti tas-sistemi ta' rappurtar lill-Bord tat-Tmexxija.

Kull sena u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2010, l-F4E tirrapporta lill-Kunsill dwar il-progress miksut fl-implimentazzjoni tal-pjan tat-trażżin u tal-iffrankar fl-ispejjeż kif ukoll dwar il-prestazzjoni u l-ġestjoni tal-F4E u tal-proġett tal-ITER, inkluż it-tweqqif tal-iskeda tal-attivitajiet fi ħdan il-baġit annwali tagħha. B'reazzjoni għal dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, L-F4E appuntat espert indipendenti li se jivvaluta l-progress tal-proġett fuq il-bażi ta' rapporti eżistenti u se

⁷ Id-dettalji tal-metodi ta' mmaniġġjar u tar-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

⁸ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

jissottometti l-opinjoni tiegħu lill-Bord tat-Tmexxija tal-F4E u lill-Kunsill dwar il-Kompetittività darba fis-sena.

L-F4E u l-Kummissjoni ffirmaw Ftehim Amministrattiv li jiddefinixxi l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet applikabbli għat-trasferiment mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità lill-F4E.

Sistema ta' ġestjoni u kontroll

Il-Kummissjoni tipparteċipa fil-korpi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-IO u tal-F4E. Il-Kummissjoni ssegwi u tirrevedi l-inizjattivi kollha meħtieġa sabiex jiġi implimentat il-proġett tal-ITER, b'mod partikolari dawk ta' natura finanzjarja.

Barra minn hekk, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS) ilu jaġixxi bħala Awditur Intern tal-F4E mill-2012, skont il-modalitajiet miftiehma bejn id-Direttorat Ġenerali tal-IAS u l-F4E. Barra minn hekk, l-Uffiċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) igawdi mill-istess setgħat fir-rigward tal-F4E u l-persunal tagħha bħal ma jgawdi fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-governanza tal-Fużjoni għall-Enerġija (F4E), fl-aħħar ta' Mejju 2011, il-Bord tat-Tmexxija tal-F4E bl-inizjattiva tal-Kummissjoni, adotta ġabra ta' miżuri sabiex titjeb il-governanza tal-F4E. Barra minn hekk, mill-1 ta' Jannar 2011, ġiet stabbilita struttura organizzazzjonali ġdida biex ikun hemm organizzazzjoni iktar orjentata lejn il-proġett.

Il-Regolament Finanzjarju tal-F4E huwa simili għar-Regolament Finanzjarju tal-Kummissjoni, inklużi proċeduri ta' akkwist pubbliku li huma ekwivalenti għall-istandards tal-Kummissjoni.

L-F4E hija responsabbli lejn il-Bord tat-Tmexxija tagħha u lejn il-Parlament Ewropew, billi dan tal-aħħar jipprovi r-rilaxx annwali għall-baġit, fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kunsill. Barra minn hekk, darbtejn fis-sena l-Qorti Ewropea tal-Awditur twettaq awditjar fuq l-F4E u ttiprovi rapport lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament bħala parti mir-rilaxx annwali.

Qafas ta' kontroll intern

Il-qafas ta' kontroll intern huwa mibni fuq:

1. L-Istandards tal-Kontroll Intern tal-Kummissjoni li huma applikati mid-Direttorat Ġenerali responsabbli għall-proġett tal-ITER meta tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni fir-rigward tal-F4E, b'mod partikolari dawk li għandhom natura finanzjarja;
2. L-Istandards ta' Kontroll Intern li l-F4E qed timplimenta sabiex twettaq eżerċizzji ta' sorveljanza sistematika u biex issegwi l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni;
3. Ir-reviżjoni teknika, finanzjarja u politika tal-Kummissjoni tal-attivitajiet tal-F4E u tal-ITER;
4. Verifiki *ex-ante* u kontrolli *ex-post* fuq akkwisti. Ir-riskji huma evalwati regolament u l-progress fl-eżekuzzjoni tal-ħidma u l-konsum tar-riżorsi huma mmonitorjati regolament, abbażi ta' objettivi u indikaturi definiti.

2.2.2. Livell mistenni tar-riskju ta' nuqqas ta' konformità

Jeżisti riskju finanzjarju inerenti fl-F4E minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħha (akkwisti *in natura* kbar u kumplessi b'riskji tekniċi kbar). Twaqqfu miżuri għall-monitoraġġ u l-kontroll aħjar tat-tħaddim tal-F4E sabiex tittaffa din is-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni flimkien mal-F4E se tkompli tidentifika r-riskji relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-proġett, notevolment f'termini ta' spejjeż, u se tiegħu l-miżuri l-iktar xierqa sabiex timmaniġġja u ttaffi dawn ir-riskji.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet:

Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett u tal-baġit tal-ITER huwa impenjat li jiġġieled kontra l-frodi f'konformità mal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-frodi COM(2011)376 tal-24 ta' Ġunju 2011.

Il-monitoraġġ amministrattiv tal-kuntratti, l-għotjiet u l-pagamenti relatati jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-F4E.

Il-Kummissjoni u l-F4E jieħdu kont tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea notevolment f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea u l-Artikolu 53(a) tar-Regolament Finanzjarju.

L-F4E tiżviluppa strateġiji *ex-post* biex tivvaluta l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. L-Uffiċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) igawdi mill-istess setgħat fir-rigward tal-F4E u l-persunal tagħha, kif igawdi fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i:

Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali: | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|--|---|------------------|-----------------------|------------------------|--------------------|--|
| | | Diff./Mhux diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| Intestatura 1 | 08 01 05 21 Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji li jimplementaw programmi ta' riċerka u innovazzjoni – il-programm ITER* | Diff./mhux diff. | LE | LE | IVA | IVA |
| | 08 01 05 22 Persunal estern li jimplementaw programmi ta' riċerka u innovazzjoni – il-programm ITER* | | | | | |
| | 08 01 05 23 Nefqa oħra ta' ġestjoni għal Programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni – il-programm ITER* | | | | | |
| | 08 04 01 Il-kostruzzjoni, l-operat u l-esplorazzjoni tal-faċilitajiet ITER — L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER — Fużjoni għall-Enerġija (l-F4E) | | | | | |

*- L-enumerazzjoni preċiża tal-intestaturi tal-baġit se tkun definita fi stadju aktar tard.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa:

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Fil-prezzijiet attwali – f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | | | Sena 2014 ⁹ | Sena 2015 | Sena 2016 | Sena 2017 | Sena 2018 | Sena 2019 | Sena 2020 | Snin >2020 | TOTAL |
|-----------------|-----------|-----------|------------------------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|------------|-----------|
| Numru baġitarja | tal-linja | Impenji | (1) | 720,882 | 881,858 | 319,853 | 317,241 | 289,125 | 260,929 | 125,127 | 2.915,015 |
| 08 04 01 | | Pagamenti | (2) | 78,179 | 150,000 | 180,000 | 300,000 | 460,000 | 570,000 | 460,000 | 2.915,015 |

| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programm tal-ITER ¹⁰ | | | | | | | | | | | |
|---|-----------|------|-----|---------|---------|---------|---------|---------|---------|---------|-----------|
| Numru baġitarja | tal-linja | | (3) | 5,128 | 6,477 | 6,606 | 6,738 | 6,874 | 7,135 | 7,278 | 46,236 |
| 08 01 05 21 | | | | 0,133 | 0,979 | 0,999 | 1,019 | 1,039 | 0,935 | 0,954 | 6,058 |
| 08 01 05 22 | | | | 1,846 | 2,610 | 2,662 | 2,715 | 2,769 | 2,826 | 2,882 | 18,310 |
| 08 01 05 23 | | | | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-Intestatura 1 | Impenji | =1+3 | | 727,989 | 891,924 | 330,120 | 327,713 | 299,807 | 271,825 | 136,241 | 2.985,619 |
| | Pagamenti | =2+3 | | 85,286 | 160,066 | 190,267 | 310,472 | 470,682 | 580,896 | 471,114 | 2.985,619 |

⁹ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

¹⁰ L-għajjnuna u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (il-linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

*

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali:*

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali.
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet 3 punti deċimali)

| Indika l-għanijiet u r-riżultati ↓ | | | 2014 | | 2015 | | 2016 | | 2017 | | 2018 | | 2019 | | 2020 | | TOTAL | | |
|--|---------------------------------|-------------------------|---------------------|---------|---------------------|---------|---------------------|---------|---------------------|---------|---------------------|---------|---------------------|---------|---------------------|---------|---------------------|-----------|----------------------------|
| | RIŻULTATI | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip ta' riżultat: ¹¹ | Kost medju tar-riżultat | Numru ta' riżultati | Kost | Numru ta' riżultati | Kost | Numru ta' riżultati | Kost | Numru ta' riżultati | Kost | Numru ta' riżultati | Kost | Numru ta' riżultati | Kost | Numru ta' riżultati | Kost | Numru ta' riżultati | Kost | Numru totali ta' riżultati |
| L-GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ¹² ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat* | | 416,430 | 1 | 720,882 | 1 | 881,858 | 1 | 319,853 | 1 | 317,241 | 1 | 289,125 | 1 | 260,929 | 1 | 125,127 | 7 | 2.915,015 | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| KOST TOTALI | | | 1 | 720,882 | 1 | 811,858 | 1 | 319,853 | 1 | 317,241 | 1 | 289,125 | 1 | 260,929 | 1 | 125,127 | 7 | 2.915,015 | |

* Ir-riżultat tal-proġett tal-ITER se jkun ir-rapport annwali tal-attività pprovdut mill-F4E (l-Aġenzija ta' Barcellona) li fih huwa deskritt l-avvanz tal-proġett.

¹¹ Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li għandhom ikunu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).
¹² Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/ċi..."

3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva:*

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi
- Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt.

f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | Sena 2014 ¹³ | Sena 2015 | Sena 2016 | Sena 2017 | Sena 2018 | Sena 2019 | Sena 2020 | TOTAL |
|--|-------------------------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-------|
|--|-------------------------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-------|

| INTESTATURA 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |
|--|-------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|
| Riżorsi umani li jħaddmu tal-programm (RTD) | 5,261 | 7,456 | 7,605 | 7,757 | 7,913 | 8,070 | 8,232 | 52,294 |
| Other administrative expenditure (RTD) | 1,846 | 2,610 | 2,662 | 2,715 | 2,769 | 2,826 | 2,882 | 18,310 |
| Subtotal INTESTATURA 1 RTD | 7,107 | 10,066 | 10,267 | 10,472 | 10,682 | 10,896 | 11,114 | 70,604 |

| F4E | | | | | | | | |
|--|--------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|---------|
| Riżorsi umani | 34,300 | 37,800 | 38,600 | 39,400 | 40,200 | 39,900 | 39,500 | 269,700 |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva* | 6,900 | 7,300 | 10,400 | 7,500 | 7,700 | 7,900 | 8,100 | 55,800 |
| Subtotal INTESTATURA 1 F4E | 41,200 | 45,100 | 49,000 | 46,900 | 47,900 | 47,800 | 47,600 | 325,500 |

* ċifri stmati

| | | | | | | | | |
|----------------------------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|---------|
| TOTAL INTESTATURA 1 | 48,307 | 55,166 | 59,267 | 57,372 | 58,582 | 58,696 | 58,714 | 396,104 |
|----------------------------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|---------|

¹³ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani:

Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa punt deċimali wieħed)

| | Sena 2014 ¹⁴ | Sena 2015 | Sena 2016 | Sena 2017 | Sena 2018 | Sena 2019 | Sena 2020 |
|--|---------------------------------|------------|------------|------------|------------|------------|------------|
| • Karigi għall-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji) tal-ITER, li għandhom ikunu integrati fil-pjan tal-istabbiliment speċifiku għall-ITER fl-Intestatura 1 | | | | | | | |
| Fil-Kwartieri ġenerali 08 01 05 21 | 50 | 50 | 50 | 50 | 50 | 50 | 50 |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| • Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)¹⁵ għall-ITER fl-Intestatura 1 | | | | | | | |
| 08.04.01 | Uffiċjali AD | 44 | 44 | 44 | 44 | 44 | 44 |
| | AD Temporanji | 174 | 174 | 174 | 174 | 174 | 174 |
| | Uffiċjali AST | 18 | 18 | 18 | 18 | 18 | 18 |
| | AST Temporanji | 26 | 26 | 26 | 26 | 26 | 26 |
| | CA | 153 | 153 | 153 | 153 | 153 | 153 |
| | SNE | 7 | 7 | 7 | 7 | 7 | 7 |
| | - (JU ITER-F4E (Barcellona) (*) | 422 | 422 | 422 | 422 | 422 | 422 |
| 08 01 05 22 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta) | 15 | 15 | 15 | 15 | 15 | 15 | 15 |
| 10 01 05 22 (CA, INT, SNE - Riċerka Diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| TOTAL | 487 | 487 | 487 | 487 | 487 | 487 | 487 |

08 huwa l-qasam ta' politika jew il-linja baġitarja kkonċernata.

L-ispiża amministrattiva (inkluż il-persunal) tat-tħaddim tal-programm tal-ITER (lil hinn mill-għotja operattazzjonali lill-Impriża Ewropea Konġunta għall-ITER (F4E)) għandha ssegwi l-appropriazzjonijiet operazzjonali għall-programm tal-ITER innifsu.

(*) L-FTE 422 ffinanzjat fil-Baġit tal-2012 taħt l-linji 08.04 01.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|-------------------------------|--|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | <p>Il-persunal li jaħdem fil-kwartieri ġenerali huwa responsabbli għad-definizzjoni u s-segwitu sussegwenti tal-attivitajiet kemm mill-aġenzija domestika f'Barcellona (F4E) kif ukoll mill-proġett tal-ITER fejn il-Kummissjoni hija rappreżentanta tal-isħubija Ewropea.</p> <p>Il-persunal li jaħdem fl-aġenzija domestika f'Barcellona (F4E) huwa responsabbli għall-kontribuzzjoni Ewropea għall-akkwist, l-ikkuntrattjar u l-implimentazzjoni finanzjarja tal-pjan ta' ħidma tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-ITER, kif definit</p> |
| Persunal estern | |

¹⁴ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

¹⁵ CA = Aġent Kuntrattwali; INT = persunal tal-aġenzija ("Intérimaire"); JED = "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żagħzagh fid-Delegazzjonijiet); LA = Aġent Lokali; SNE = Espert Nazzjonali Sekondar;

3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega l-ipprogrammar mill-ġdid meħtieġ, billi tispjefika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrumenti tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali¹⁶.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispjefika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għal kofinanzjament stmat hawn taħt*:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | ... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|--------|----------|----------|----------|---|--|--|-------|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

* - Il-programm jista' jirċievi kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi (abbażi tal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-pajjiżi terzi u l-Euratom) li f'dan l-istadju għadhom mhumiex magħrufa.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul:

Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul

Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

fuq ir-riżorsi proprji

fuq id-dħul mixxellanju

f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprijazzjonijiet disponibbli għas-sena baġitarja attwali | Impatt tal-proposta/inizjattiva ¹⁷ | | | | | | | |
|---------------------------|--|---|----------|----------|----------|---|--|--|--|
| | | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | ... daħħal il-kolonna li hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | |
| Artikolu 6XXX* | | | | | | | | | |

*L-enumerazzjoni preċiża tal-intestaturi tal-baġit se tkun definita fi stadju aktar tard.

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

¹⁶ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

¹⁷ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara li minnhom jitnaqqsu 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.

08 04 50 01 - Appropriazzjonijiet akkumulati minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux taż-Żona Ekonomika Ewropea) għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020);

08 04 50 02 Appropriazzjonijiet derivati minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux taż-Żona Ekonomika Ewropea) għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

“Ċerti pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għal finanzjament supplimentari tal-ITER permezz ta’ ftehimiet ta’ kooperazzjoni bejn dawn il-pajjiżi u l-Euratom. Il-metodu tal-kalkolu se jiġi miftiehem f’dawn il-Ftehimiet ta’ Kooperazzjoni u mhuwiex neċessarjament l-istess fil-ftehimiet kollha. Il-biċċa l-kbira ta’ dawn il-kalkoli huma bbażati fuq il-PDG tal-pajjiż terz imqabbel mal-PDG tal-Istati Membri, filwaqt li dan il-perċentwal jiġi applikat għall-baġit globali vvutat.”